MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2012

Numru 377/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**v.**

**Roger Attard**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Roger Attard bin Joseph u Mary nee` Camilleri, imwieled nhar it-12 ta’ Gunju, 1973, residenti fil-fond Kappara Court, Flat 6, Triq il-Buqrajq, San Gwann, Malta, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 281473(M) fejn gie akkuzat:

Talli nhar il-Hadd is-26 ta’ Lulju 2009, ghal habta ta’ 15.25hrs waqt li kien fl-inhawi ta’ Kemmuna (Blue Lagoon) waqt li kien fuq opra tal-bahar bin-numru S-16436 b’mutur

85hp meta rabat mal-bagi tas-Swimming Zone tal-Malta Maritime Authority.

**2.** Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-13 ta’ Settembru, 2011 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Roger Attard hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal multa ta’ mitejn Euro (€200).

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Roger Attard minnu prezentat fid-29 ta’ Setembru 2011, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah mill-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**5.** Semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**6.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

Fis-26 ta’ Lulju 2009 ghall-habta ta’ 15.25 hrs waqt li PS 305 Alfred Gauci u PC 1093 James Cardona kienu fuq xoghol fuq il-bahar fl-inhawi tal-Blue Lagoon, Kemmuna, osservaw lill-imputat fuq opra tal-bahar numru S 16436 li dehrilhom kienet marbuta mal-bagi tal-Malta Maritime Authority intizi biex jindikaw zona riservata ghall-ghawm. Skont l-istess ufficjali tal-pulizija huma informaw lill-appellant li kienu ser jittiehdu passi kontra tieghu bil-qorti u fil-fatt ressquh imputat kif fuq inghad.

**7.** L-aggravju tal-appellant essenzjalment jikkonsisti filli ma jaqbilx mal-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti li strahet fuq ix-xhieda ta’ PS 305 Alfred Gauci u PC 1093 James Cardona li ma kienux xhieda affidabbli waqt li skartat ix-xhieda tieghu li kienet cara u dettaljata u ghalhekk kredibbli.

**8.** Din il-Qorti qieghdha fil-pozizzjoni felici li tista’ hi stess taghmel l-apprezzament taghha tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni peress li apparti d-dikjrarzzjonijiet guramentati ta’ PS 305 Alfred Gauci u PC 1093 James Cardona prodotti quddiem l-ewwel Qorti din il-Qorti kellha

wkoll l-opportunita' li tisma' jixhdu viva voce quddiema lill-istess xhieda kif ukoll semghet viva voce x-xhieda tal-imputat.

**9.** Il-Qorti tistqarr mill-ewwel li ma ssib ebda diffikulta tistrieh fuq ix-xhieda ta' PS 305 Alfred Gauci u PC 1093 James Cardona li fil-pedana tax-xhieda kkomportaw ruhom bl-aktar mod serju u miftuh u kienu kategorici u sincieri fit-twegibiet li taw. Huwa minnu li dwar xi dettallji li dwarhom insistiet id-diiza fil-kontroezami taghha l-istess xhieda stqarrew bl-aktar mod skjett u bla tlaqliq li ma setghux jiftakru dwarhom minhabba t-trapass taz-zmien u dan peress li l-fatti graw sentejn ilu u kellhom diversi kazijiet ta' din ix-xorta. Izda huma t-tnejn insistew kategorikament li fid-data tas-26 ta' Lulju 2009 ghall-habta ta' 15.25 hrs l-imputat kien jinsab fil-Blue Lagoon, Kemmna u kellu l-opra tal-bahar tieghu marbuta mal-bagi li jindikaw zona riservata ghall-ghawm. PS 305 Alfred Gauci spjega li l-bicca tal-bahar ma setghetx tintrabat ma' dawk li ssejhu bagi, li fil-fatt jikkonsistu fi blalen, uhud ikbar minn ohrajn, ghaliex dawn ma kellhomx holoq ma xhix torbot izda huwa baqa jsostni li l-bicca tal-bahar tal-imputat kienet marbuta mac-cima bil-blalen. Huwa zied ukoll li lill-imputat kien informah li kienu ser jittiehdu passi legali kontra tieghu u dwar xhix.

**10.** Hekk ukoll PC 1093 James Cardona spjega li fid-data msemmija huwa u PS 305 kienu nnotaw lill-imputat li kellu l-opra tal-bahar tieghu marbuta illegalment mac-cima li tindika z-zona riservata ghall-ghawm u indikaw dan lill-imputat. Huwa stqarr li s-surgent kien qal lill-imputat li kien qieghed hazin ghaliex il-bagi ma kienux sinjali li seta' jorbot maghhom u qallu li kienu ser igibuh il-Qorti. In kontroezami x-xhud insista li kien zgur li l-habel tal-opra tal-bahar tal-imputat kienet marbuta mac-cima li tindika z-zona riservata ghall-ghawm u minkejja l-kontroezami serrat tad-difiza huwa baqa' jinsisti ghal aktar minn darba li kien cert li l-habel tal-opra tal-bahar tal-imputat kien marbut mac-cima msemmija.

**11.** Minn nahar tieghu l-imputat jghid li huwa kien ankrat certu distanza boghod mic-cima tant li bejn il-bocci u d-

dghajsa tieghu kienet tghaddi dghajsa. Huwa zied jghid li l-pulizija kull ma ghamel hu li talbu l-konnotati tieghu u daqshekk u la qallu ghaliex kien qieghed jitolbu l-konnotati u anqas qallu li kien ser itellghu l-Qorti jew li kien ghamel xi kontravvenzjoni.

**12.** Il-Qorti ma taghtix affidament lix-xhieda tal-imputat. Dak li jirrakonta x-xhud ma hux verosimili. Ma hux kredibbli li l-pulizija jitoblu lill-imputat il-konnotati tieghu u ma jghidulux ghalfejn qed jitolbuhomlu u huwa anqas biss jindenja ruhu jistaqsi. Eventwalment ix-xhud qal li kien saqsa lill-pulizija ghaliex talbuh il-konnotati tieghu izda huwa jghid li l-pulizija ma tawhx twegiba. Ma jirrizultax li l-imputat ipprova jaghmel xi indagni ulterjuri biex jistabilixxi ghaliex il-pulizija kienu talbuh il-konnotati tieghu u jidher li ssodisfa ruhu bin-nuqqas ta' twegiba tal-pulizija. Anqas dan ma hu verosimili. Hemm fattizzi ohra tax-xhieda tal-imputat li jimminaw il-kredibilita' tieghu izda l-Qorti ma hix tal-fehma li ghandha ghalfejn telabora dwar dawn. Bizzejjed jinghad li din il-Qorti xejn ma impressjonat ruhha bil-komportament tax-xhud li diversi drabi addirittura ta' x'jifhem li ma kienx qieghed jifhem id-domandi semplici li kienet qed tghamillu l-Qorti.

**13.** Inoltre, wiehed ma jridx jinsa' PS 305 Alfred Gauci irrilaxxja l-affidavit tieghu fit-28 ta' Awwissu 2009 u PC 1093 James Cardona irrilaxxja l-affidavit tieghu fit-2 ta' Settembru 2009, u ghalhekk ftit aktar minn xahar mid-data tal-fatti u ghalhekk ferm vicin l-incident meta l-fatti kienu ferm aktar friski f'mohhom. Id-difiza kkritikat il-fatt li meta l-istess persuni xehedu quddiem din il-Qorti dawn ma setghux jiftakru xi dettalji izda l-istess persuni kienu qeghdin jixhdu aktar minn sentejn wara u ghalhekk wiehed ma ghandux ghalfejn jiskanta li ma jibqghux jiftakru certi dettalji. Ta' min wiehed jirrileva li anki meta xehedu quddiem l-ewwel Qorti kienu gja ghaddew aktar minn sentejn mid-data tal-incident u dan anki ghaliex l-imputat naqas milli jidher quddiem l-ewwel Qorti minkejja li kien notifikat (ara riferta fol. 3) u kellu jinhareg mandat kontra tieghu. Sinjifikanti wkoll dak li ddikjarat l-ewwel Qorti fi-sentenza taghha li quddiemha l-imputat kien xehed li mieghu kellu zewg persuni li izda ma tressqux

minnu bhala xhieda biex jissostanzjaw dak li xehed waqt li quddiem din il-Qorti dawn iz-zewg persuni ma ssemmew xejn minnu.

**14.** Ghalhekk din il-Qorti ma ssibx ragunijiet bizzejjed sabiex tiddipartixxi mill-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti u anzi qieghda f’pozizzjoni li tikkondividi l-istess apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant l-aggravju tal-appellant qieghed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------